KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOBEK
ippreżentati fis-26 ta' Ġunju 2019[1]

Kawża C-386/18

Coöperatieve Producentenorganisatie en Beheersgroep Texel UA
vs
Minister van Landbouw, Natuur en Voedselkwaliteit

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-College van Beroep voor het bedrijfsleven (il-Qorti tal-Appell għall-Kwistjonijiet Amministrattivi fil-Qasam Ekonomiku, il-Pajjiżi l-Baxxi))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika Komuni tas-Sajd (PKS) – Regolament (UE) Nru 508/2014 – Fondi Ewropej għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) – Pjani ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni – Artikolu 66(1) – Appoġġ finanzjarju għat-tħejjija u għall-implimentazzjoni ta' dawn il-pjani – Assenza ta' possibbiltà fid-dritt nazzjonali li titressaq applikazzjoni għall-appoġġ – Dritt li jiġi rikjest appoġġ mogħti mir-regolament – Effett dirett – Kundizzjonijiet għall-eliġibbiltà tal-infiq – Regoli speċjali – Marġni ta' diskrezzjoni tal-Istati Membri sabiex jistabbilixxu l-ammont tal-appoġġ finanzjarju"

I. Introduzzjoni

1. Organizzazzjoni ta' produtturi, li l-attività tagħha tikkonsisti fit-teħid ta' miżuri intiżi li jiffavorixxu l-prattika razzjonali tas-sajd u t-titjib fil-kundizzjonijiet tal-bejgħ tal-prodotti tas-sajd, għandha d-dritt li tikseb il-kofinanzjament mill-gvern ta' Stat Membru għat-tħejjija u għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni tagħha?

2. Din hija d-domanda li saret, essenzjalment, mill-qorti tar-rinviju adita biċ-ċaħda tat-talba tal-Coöperatieve Producentenorganisatie en Beheersgroep Texel UA (iktar 'il quddiem "PO Texel") mill-minister van Landbouw, Natuur en Voedselkwaliteit (il-Ministru għall-Agrikoltura, Natura u Kwalità tal-Ikel, iktar 'il quddiem il-"Ministru") minħabba li, fil-mument li din l-organizzazzjoni ta' produtturi kienet ippreżentatha, u dan qabel is-sena 2016, ebda dispożizzjoni nazzjonali ma kienet toffri tali possibbiltà.

3. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba tiddeċiedi, *minn naħa*, dwar il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni tal-miżuri nazzjonali li ma jipprovdux għall-kofinanzjament fuq il-bażi ta' fondi Ewropej għall-ispejjeż minfuqa fl-2014. F'każ ta' inkompatibbiltà ta' dawn il-miżuri mad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja jkollha, *min-naħa l-oħra*, tistabbilixxi jekk id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni jistgħux jikkostitwixxu bażi legali għall-għoti tal-appoġġ finanzjarju mitlub minn PO Texel.

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

1. Ir-Regolament OKS

4. Il-premessa 7 tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Diċembru 2013, dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament OKS")[2], jipprovdi:

"L-organizzazzjonijiet tal-produtturi tas-sajd u l-organizzazzjonijiet tal-produtturi tal-akkwakultura ('organizzazzjonijiet tal-produtturi') huma ewlenin sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-[Politika Komuni tas-Sajd (PKS)[3]] u tal-OKS. Huwa għalhekk meħtieġ li jiżdiedu r-responsabbiltajiet tagħhom u li jipprovdu l-appoġġ finanzjarju meħtieġ biex ikun jista' jkollhom rwol iktar sinifikanti fil-ġestjoni ta' kuljum tas-sajd, filwaqt li jirrispettaw il-qafas definit mill-għanijiet tal-PKS. […]"

5. L-Artikolu 28 tar-Regolament OKS, intitolat "Pjan ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni", jipprovdi:

"1. Kull organizzazzjoni tal-produtturi għandha tippreżenta pjan ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni, għallinqas għall-ispeċijiet kummerċjalizzati ewlenin tagħha lill- awtoritajiet kompetenti nazzjonali tagħha għall-approvazzjoni. […]

[…]

3. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom japprovaw il-pjan ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni. Ladarba l-pjan jiġi approvat, l-organizzazzjoni tal-produtturi għandha immedjatament timplimentah.

[…]

5. L-organizzazzjoni tal-produtturi għandha tipprepara rapport annwali tal-attivitajiet tagħha skont il-pjan ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni, u għandha tippreżentah lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għall-approvazzjoni.

6. L-organizzazzjonijiet tal-produtturi jistgħu jirċievu sostenn finanzjarju għall-preparazzjoni u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni b'konformità ma' att legali futur tal-Unjoni li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għal appoġġ finanzjarju għall-politika marittima u tas-sajd għall-perjodu 2014 - 2020.

[…]"

2 ĠU 2013, L 354, p. 1.

3 Ara r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Diċembru 2013, dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU 2013, L 354, p. 22, iktar 'il quddiem ir-"Regolament PKS"), speċjalment l-Artikolu 35(1) u (3) li jirrigwardaw l-OKS.

2. Ir-Regolament QSK

6. Ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament QSK")[4] jipprevedi:

"Ir-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament għandhom japplikaw bla ħsara […] għad-dispożizzjonijiet speċifiċi stipulati fir-Regolamenti li ġejjin […]:

[…]

6) att legali futur tal-Unjoni li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-appoġġ finanzjarju għall-politika marittima u tas-sajd għall-perijodu ta' programmazzjoni 2014 sal-2020 (ir-'Regolament FEMS')".

7. Il-punt 14 tal-Artikolu 2 tar-Regolament QSK jiddefinixxi l-kunċett ta' "operazzjoni kompluta" bħala li hija "operazzjoni li tlestiet fiżikament jew ġiet implimentata għal kollox u fir-rigward tagħha saru l-pagamenti relatati kollha mill-benefiċjarji u l-kontribuzzjoni pubblika korrispondenti tħallset lill-benefiċjarji".

8. Taħt it-titolu "Eliġibbiltà [tal-infiq]", l-Artikolu 65(1), (2) u (6) ta' dan ir-regolament jiddikjara:

"1. L-eliġibbiltà tan-nefqa għandha tiġi ddeterminata abbażi tar-regoli nazzjonali, ħlief fejn ikunu stabbiliti r-regoli speċifiċi f'dan ir-Regolament jew abbażi tiegħu jew tar-regoli speċifiċi għall-Fondi.

2. In-nefqa għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-[Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi ESI)[5]] jekk tkun saret minn benefiċjarju u ġiet imħallsa bejn id-data tal-preżentazzjoni tal-programm lill-Kummissjoni [Ewropea] jew mill-1 ta' Jannar 2014, skont liema data tiġi l-ewwel, u l-31 ta' Diċembru 2023. […]

[…]

6. L-operazzjonijiet ma għandhomx jiġu magħżula għall-appoġġ mill-Fondi ESI fejn ikunu tlestew fiżikament jew ġew implimentati bis-sħiħ qabel ma tkun ġiet imressqa mill-benefiċjarju l-applikazzjoni għall-finanzjament skont il-programm lill-awtorità ta' ġestjoni, irrispettivament minn jekk il-pagamenti relatati kollha jkunux saru mill-benefiċjarju".

4 ĠU 2013, L 347, p. 320, rettifika fil-ĠU 2016, L 200, p. 140.

5 Ara l-premessa 2 tar-Regolament QSK.

3. Ir-Regolament FEMS

9. L-Artikolu 66 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 (UE) u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (iktar 'il quddiem ir-"Regolament FEMS")[6], intitolat "Pjani dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni", jiddikjara:

"1. Il-FEMS għandu jappoġġa t-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-pjani ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 28 tar-Regolament [OKS].

2. L-infiq relatat mal-pjani ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni għandu jkun eliġibbli għal appoġġ mill-FEMS biss wara l-approvazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti f'kull Stat Membru tar-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 28(5) tar-Regolament [OKS].

3. L-appoġġ mogħti għal kull organizzazzjoni tal-produtturi kull sena skont dan l-Artikolu ma għandux jaqbeż it-3 % tal-medja tal-valur annwali tal-produzzjoni li titqiegħed fis-suq minn dik l-organizzazzjoni ta' produtturi matul it-tliet snin kalendarji preċedenti. Għal kwalunkwe organizzazzjoni ta' produtturi li tkun għadha kif ġiet rikonoxxuta, dak l-appoġġ ma għandux jaqbeż it-3 % tal-medja tal-valur annwali tal-produzzjoni li titqiegħed fis-suq mill-membri ta' dik l-organizzazzjoni matul it-tliet snin kalendarji preċedenti.

4. L-Istat Membru kkonċernat jista' jagħti pagament bil-quddiem ta' 50 % tal-appoġġ finanzjarju wara l-approvazzjoni tal-pjan ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 28(3) tar-Regolament [OKS].

5. L-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jingħata biss lil organizzazzjonijiet ta' produtturi u lil assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi".

B. Id-dritt Olandiż

10. Bis-saħħa tal-Artikolu 4:23(1) tal-wet houdende algemene regels van bestuursrecht (Algemene wet bestuursrecht) (il-Liġi li Tistabbilixxi r-Regoli Ġenerali tad-Dritt Amministrattiv (il-Liġi Ġenerali fuq id-Dritt Amministrattiv))[7], tal-4 ta' Ġunju 1992, organu amministrattiv jagħti sussidju biss fuq il-bażi ta' dispożizzjoni legali li tippreċiża l-attivitajiet li għalihom jista' jingħata sussidju.

11. Fl-1 ta' Lulju 2015, fil-Pajjiżi l-Baxxi daħal fis-seħħ ir-Regeling van de Staatssecretaris van Economische Zaken, nr. WJZ/15083650, houdende vaststelling van subsidie-instrumenten in het kader van de Europese structuur- en investeringsfondsen op het terrein van Economische Zaken (Regeling Europese EZ-Subsidies) (id-Digriet tas-Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ekonomiċi li jistabbilixxi l-istrumenti ta' sussidju fil-kuntest tal-fondi strutturali u ta' investiment Ewropej fil-qasam tal-affarijiet ekonomiċi (id-digriet dwar is-sussidji Ewropej AE))[8], tat-28 ta' Ġunju 2015.

12. Skont l-Artikolu 2.2 ta' dan id-digriet, l-attivitajiet ikkontemplati fir-Regolament FEMS jistgħu jiġu ssussidjati mill-Ministru, wara li ssir talba f'dan is-sens.

13. Skont l-Artikolu 2.3(1) tal-imsemmi digriet, il-Ministru jista' jagħti sussidju biss jekk tkun prevista l-possibbiltà li titressaq applikazzjoni għal sussidju filwaqt li jiġi stabbilit limitu għas-sussidju u terminu għat-tressiq tal-applikazzjoni.

6 ĠU 2014, L 149, p. 1, rettifika fil-ĠU 2017, L 88, p. 22.

7 Stb. 1992, Nru 315, iktar 'il quddiem il-"Liġi Ġenerali fuq id-Dritt Amministrattiv".

8 Stcrt. 2015, Nru 18094.

14. Permezz tar-Regeling van de Staatssecretaris van Economische Zaken, nr. WJZ/16105576, houdende wijziging van de Regeling Europese EZ-subsidies en de Regeling openstelling EZ-subsidies 2016 in verband met de subsidiemodule inzake productie- en afzetprogramma's en andere wijzigingen in het kader van het Europees Fonds voor Maritieme Zaken en Visserij (id-Digriet tas-Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ekonomiċi li Jemenda d-Digriet dwar is-Sussidji Ewropej AE u d-Digriet li Jiftaħ is-Sussidji Ewropej AE 2016 għal dak li Jikkonċerna l-Modulu ta' Sussidji li Jirrigwardaw il-Pjan ta' Produzzjoni u ta' Kummerċjalizzazzjoni u li Jagħmel Tibdil Ieħor fil-Kuntest tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd)[9], tal-25 ta' Awwissu 2016, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi pprovda l-modulu ta' sussidji li jirrigwardaw il-pjanijiet ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni matul il-perijodu mid-29 ta' Awwissu sas-16 ta' Settembru 2016.

15. Skont il-qorti tar-rinviju, "[d]an il-modulu ta' sussidju huwa bbażat fuq l-Artikolu 66 tar-Regolament [FEMS] u ma jirrigwardax l-implimentazzjoni ta' pjan ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni, iżda esklużivament il-preparazzzjoni tiegħu".

III. Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

16. Permezz ta' deċiżjoni tad-9 ta' Lulju 2014, il-Ministru, konformement mal-Artikolu 28(3) tar-Regolament OKS, approva l-pjan ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni 2014 ta' PO Texel, li din imbagħad implimentat immedjatament.

17. Fix-xahar ta' Ottubru 2014, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi ppreżenta lill-Kummissjoni programm operattiv għall-perijodu ta' mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020[10], li l-verżjoni finali tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2014 ġiet approvata fil-25 ta' Frar 2015[11].

18. Fid-19 ta' Mejju 2015, PO Texel ippreżentat lill-Ministru applikazzjoni għal appoġġ finanzjarju għall-ispejjeż minfuqa għall-preparazzjoni u l-implimentazzjoni tal-pjan ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni tagħha għas-sena 2014, konformement mal-Artikolu 66 tar-Regolament FEMS, kif ukoll għal dak li jirrigwarda l-miżuri ta' kummerċjalizzazzjoni li hija kienet adottat konformement mal-Artikolu 68 ta' dan ir-regolament.

19. Permezz ta' deċiżjoni tal-10 ta' Lulju 2015, il-Ministru ċaħad l-applikazzjoni ta' PO Texel minħabba li:

– fil-mument tal-applikazzjoni għas-sussidju minn PO Texel, fid-19 ta' Mejju 2015, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi ma kienx ipprovda għall-possibbiltà li titressaq applikazzjoni għal sussidju la għall-preparazzjoni u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni, skont l-Artikolu 66 tal-FEMS, u lanqas għall-miżuri ta' kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akwakultra, meħuda mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi, skont l-Artikolu 68 ta' dan ir-regolament, u

– kien biss wara li żviluppat il-pjan ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni u wara li implimentatu, wara l-approvazzjoni mill-Ministru, li PO Texel ressqet l-applikazzjoni tagħha għal sussidju.

20. Permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Novembru 2015, il-Ministru ċaħad, bħala infondat, l-ilment ta' PO Texel.

9 Stcrt. 2016, Nru 43926.

10 Ara l-Artikolu 17 tar-Regolament FEMS.

11 Ara d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 1278, tal-25 ta' Frar 2015, li tirrigwarda l-approvazzjoni tal-programm operattiv "Duurzaam vissen voor de markt" [Sajd sostenibbli għas-suq] għall-iskopijiet tal-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd fil-Pajjiżi l-Baxxi.

21. Insostenn tar-rikors li hija ppreżentat kontra din id-deċiżjoni quddiem il-College van Beroep voor het bedrijfsleven (il-Qorti tal-Appell għall-Kwistjonijiet Amministrattivi fil-Qasam Ekonomiku, il-Pajjiżi l-Baxxi), PO Texel tallega li hija eliġibbli għall-appoġġ finanzjarju tal-FEMS, skont l-Artikoli 66 u 68 tar-Regolament FEMS, kemm għall-infiq ta' preparazzjoni u ta' implimentazzjoni tal-pjan ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni 2014 kif ukoll għal dak li jirrigwarda l-miżuri ta' kummerċjalizzazzjoni li hija adottat. PO Texel issostni, minn naħa, li hija kellha, skont l-Artikolu 28(1) tar-Regolament OKS, toħloq u tippreżenta pjan ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni. Min-naħa l-oħra, PO Texel tafferma li hija nefqet, matul is-sena 2014, is-somma ta' EUR 100 824 bħala spejjeż tax-xejriet tas-suq. Hija tesponi li hija għaldaqstant ikkonkludiet ftehim ta' kooperazzjoni mal-industrija tal-ipproċessar tal-barbuni tat-tbajja' tat-tip III u IV bil-għan li ssib żbokk kummerċjali għal dan it-tip ta' ħut.

22. Il-Ministru jsostni, essenzjalment, li ma jistax jagħti lil PO Texel is-sussidju li hija talbet minħabba li hija ressqet l-applikazzjoni tagħha għall-pjanijiet ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni qabel ma l-leġiżlatur Olandiż ippreveda proċedura għal dan il-għan. Barra minn hekk, waqt is-seduta li seħħet quddiem il-qorti tar-rinviju fid-19 ta' April 2017 il-Ministru ressaq l-erba' argumenti li ġejjin.

23. L-ewwel nett, il-miżuri marbuta mal-kummerċjalizzazzjoni u mal-ipproċessar li għalihom kien intalab is-sussidju huma ffinanzjati mill-FEMS, konformement mal-prinċipju ta' ġestjoni kondiviża bejn l-Unjoni u l-Istati Membri. Konsegwentement, is-sussidji huma kkofinanzjati mir-riżorsi nazzjonali tal-Istati.

24. It-tieni nett, is-sussidju ma jistax jingħata qabel l-approvazzjoni mill-Kummissjoni tal-programm operattiv li kull Stat Membru għandu jistabbilixxi. F'dan il-każ, il-programm operattiv tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi ġie approvat fil-25 ta' Frar 2015 mill-Kummissjoni. Ir-riżorsi nazzjonali, sa 25 %, għandhom sussegwentement jiġu rrilaxxati.

25. It-tielet nett, il-Kapitolu IV tat-Titolu V tar-Regolament FEMS, li jinkludi l-Artikoli 66 u 68, iħalli marġni ta' diskrezzjoni wiesa' lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-programm operattiv tagħhom.

26. Ir-raba' nett, l-Artikolu 65(6) tar-Regolament QSK ma jippermettix li jingħata appoġġ għall-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet li ġew diġà kompletament implimentati.

27. Huwa f'dan il-kuntest li l-College van Beroep voor het bedrijfsleven (il-Qorti tal-Appell għall-Kwistjonijiet Amministrattivi fil-Qasam Ekonomiku) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1 a) L-Artikolu 66(1) tar-Regolament [FEMS] 'jappoġġa' t-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-pjani ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 28 tar-Regolament [OKS] jipprekludi lil Stat Membru milli jopponi li organizzazzjoni ta' produtturi li tkun ippreżentat applikazzjoni għall-għoti ta' dan l-appoġġ minħabba l-fatt li fil-mument li ġiet ippreżentata l-applikazzjoni, dak l-Istat Membru ma kienx offra l-possibbiltà li applikazzjoni tiġi ssottomessa għal kategorija speċifika ta' nfiq (f'dan il-każ: l-ispejjeż għat-tħejjija u għall-implimentazzjoni tal-pjani ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni) jew għal perijodu speċifiku (f'dan il-każ: is-sena 2014) la fil-programm operazzjonali approvat mill-Kummissjoni Ewropea, u lanqas fid-dispożizzjonijiet nazzjonali li jistabbilixxu l-eliġibbiltà tal-infiq?

b) Huwa rilevanti, sabiex tingħata risposta għall-punt (a) tal-ewwel domanda, li, skont l-Artikolu 28 tar-Regolament Nru 1379/2013, l-organizzazzjoni ta'produtturi hija obbligata li tħejji pjan ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni u, wara l-approvazzjoni tal-pjan ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni mill-Istat Membru, timplimenta dan il-pjan ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni?

2) Jekk ir-risposta għall-punt (a) tal-ewwel domanda tkun fis-sens li l-Artikolu 66(1) tar-Regolament [FEMS] jipprekludi lil Stat Membru milli jopponi li organizzazzjoni tal-produtturi, li tkun ippreżentat applikazzjoni għall-għoti ta' dan l-appoġġ għat-tħejjija u għall-implimentazzjoni tal-pjani ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni, minħabba l-fatt li fil-mument li ġiet ippreżentata l-applikazzjoni, dak l-Istat Membru ma kienx offra l-possibbiltà li applikazzjoni tiġi ssottomessa, l-applikant li jkun applika għall-għoti ta' dan l-appoġġ jista' jikseb direttament permezz tal-Artikolu 66(1) tar-Regolament [FEMS] il-bażi legali meħtieġa għall-ksib ta' dritt fil-konfront tal-Istat Membru tiegħu sabiex jingħata l-appoġġ inkwistjoni?

3) Jekk ir-risposta għat-tieni domanda tkun fis-sens li l-applikant li jkun applika għall-għoti ta' dan l-appoġġ jista' jikseb direttament permezz tal-Artikolu 66(1) tar-Regolament [FEMS] il-bażi legali meħtieġa għall-ksib ta' dritt fil-konfront tal-Istat Membru tiegħu sabiex jingħata l-appoġġ inkwistjoni, l-Artikolu 65(6) tar-Regolament [QSK] jipprekludi l-għoti ta' appoġġ għat-tħejjija u għall-implimentazzjoni ta' pjan ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni fil-każ li l-applikazzjoni għall-għoti ta' appoġġ tiġi ssottomessa wara li l-pjan ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni jkun tħejja u ġie implimentat?"

28. Il-Gvern Olandiż u l-Kummissjoni ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub. It-trattazzjonijiet ta' dawn il-partijiet instemgħu wkoll matul is-seduta tal-10 ta' April 2019.

IV. Analiżi

29. B'mod preliminari, fid-dawl tal-punti ta' diskussjoni msemmija waqt is-seduta, jidhirli li huwa xieraq, fl-ewwel lok, li jitfakkar li d-domandi tal-qorti tar-rinviju huma intiżi essenzjalment sabiex jistabbilixxu jekk l-infiq li sar minn PO Texel fl-2014 għat-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' pjan ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni għandhomx jiġu kkofinanzjati mill-Gvern Olandiż fuq il-bażi tal-Artikolu 66(1) tar-Regolament FEMS.

30. Fit-tieni lok, nosserva li, minbarra dan l-għan preċiż tar-rinviju preliminari, hemm kwistjonijiet oħra, marbutin mal-kawża jew mal-leġiżlazzjoni applikabbli, li l-qorti tar-rinviju ma tqajjimx, li jistgħu madankollu jqajmu ċertu interess. Dan huwa minnu fir-rigward tal-kwistjoni dwar l-applikazzjoni *ratione temporis* tar-Regolament FEMS, jew ukoll għal dak li jirrigwarda t-termini imposti fuq l-organizzazzjonijiet ta' produtturi fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1418/2013 [12].

31. Fil-fatt, fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni *ratione temporis* tar-Regolament FEMS, għandu jiġi rrilevat li dan huwa intiż li jikkumplimenta r-Regolamenti OKS u QSK li jistabbilixxu kundizzjonijiet ġenerali għall-finanzjament mill-fondi Ewropej. Dawn ir-regolamenti ġew ippubblikati fix-xahar ta' Diċembru 2013 sabiex japplikaw b'effett mill-1 ta' Jannar 2014. Ir-Regolament FEMS ma ġiex ippubblikat fl-istess żmien, iżda fix-xahar ta' Mejju 2014, filwaqt li jipprovdi li huwa japplika b'effett mill-1 ta' Jannar 2014 [13]. Huwa inkontestabbli li n-natura retroattiva ta' dan ir-regolament hija, min-natura tagħha, suxxettibbli li tiġġenera diffikultajiet ta' koordinazzjoni bejn id-diversi dispożizzjonijiet applikabbli u, b'mod partikolari, bejn dawk tad-dritt tal-Unjoni u dawk tad-dritt nazzjonali.

32. Dawn id-diffikultajiet ġew enfasizzati minħabba t-termini stabbiliti mill-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 1418/2013. Fil-fatt, bis-saħħa ta' din id-dispożizzjoni, l-organizzazzjonijiet ta' produtturi, li kienu rrikonoxxuti qabel l-1 ta' Jannar 2014, kellhom iressqu quddiem l-awtoritajiet kompetenti l-ewwel pjanijiet ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni

12 Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1418/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-pjanijiet ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni skont ir-Regolament [OKS] (ĠU 2013, L 353, p. 40).

13 Ara l-premessa 101 u l-Artikolu 130 ta' dan ir-regolament.

tagħhom qabel tmiem ix-xahar ta' Frar 2014, jiġifieri ħafna qabel ma ġie ppubblikat ir-Regolament FEMS. Għaldaqstant, fl-assenza ta' qafas legali ċar u koerenti, wieħed jista' jistaqsi dwar il-konsegwenzi li jistgħu jirriżultaw min-nuqqas ta' osservanza ta' dan it-terminu mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi.

33. Fi kwalunkwe każ, minkejja l-interess li jqajmu dawn il-kwistjonijiet, għandu jiġi osservat li dawn ma kinux is-suġġett ta' diskussjoni la fuq l-inizjattiva tal-qorti tar-rinviju jew tal-partijiet u lanqas min-naħa tal-Gvern Olandiż. F'dan ir-rigward jeħtieġ li jiġi enfasizzat li dan ikkonferma, waqt is-seduta, li l-applikazzjoni ta' PO Texel ma kinitx ġiet miċħuda minħabba nuqqas ta' osservanza tat-terminu għat-tressiq tal-pjan ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni.

34. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jiena tal-fehma li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tillimita l-qafas tar-riflessjoni tagħha għad-domandi preliminari hekk kif saru mill-qorti tar-rinviju, kif tagħmel bħala regola ġenerali, sabiex tagħtiha risposta strettament utli.

35. Konsegwentement, nipproponi li neżamina, inizjalment, suċċessivament l-ewwel domanda preliminari (a) u (b), u sussegwentement it-tielet domanda preliminari. Fil-fatt, dawn jirrigwardaw ir-rekwiżiti sostantivi għall-finanzjament mitlub minn organizzazzjoni ta' produtturi, irregolati mid-dritt tal-Unjoni, li abbażi tagħhom għandha tiġi evalwata l-kompatibbiltà tar-regola nazzjonali inkwistjoni. Ulterjorment, peress li, fil-fehma tiegħi, din ir-regola għandha tiġi skartata, ser nagħti l-fehmiet tiegħi dwar ir-risposta li għandha tingħata għat-tieni domanda preliminari dwar il-possibbiltà li jiġi applikat direttament l-Artikolu 66(1) tar-Regolament FEMS.

A. Fuq l-ewwel domanda preliminari

36. Permezz tal-ewwel domanda preliminari, maqsuma f'żewġ partijiet, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, dwar il-konformità tad-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni mar-regolamenti applikabbli fil-qasam tal-għoti ta' sussidji lill-organizzazzjonijiet ta' produtturi. B'mod iktar partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 66(1) tar-Regolament FEMS, flimkien ma' dik tal-Artikolu 28(6) tar-Regolament OKS.

37. Fil-fatt, l-Artikolu 28(6) ta' dan ir-regolament, li jistabbilixxi l-qafas ġenerali tal-azzjonijiet tal-organizzazzjonijiet ta' produtturi fil-kuntest tal-PKS, jipprovdi li dawn l-organizzazzjonijiet "*jistgħu* jirċievu sostenn finanzjarju għall-preparazzjoni u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni"[14] taħt kundizzjonijiet stabbiliti f'att legali futur, li sar ir-Regolament FEMS fl-2014.

38. Madankollu, skont l-Artikolu 66(1) ta' dan ir-regolament, "[i]l-FEMS *għandu jappoġġa* t-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-pjani ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 28 tar-Regolament [OKS]"[15].

39. Għaldaqstant, jista' jiġi kkonstatat li l-Artikolu 66 tar-Regolament FEMS ġie redatt b'mod differenti, wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament OKS, li kien jirreferi għal dispożizzjonijiet speċifiċi li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet relatati mal-appoġġ finanzjarju mogħti lill-politika marittima u tas-sajd għall-perijodu 2014-2020[16], bħar-Regolament QSK, filwaqt li ppreċiża li dan huwa r-Regolament FEMS[17].

14 Enfasi miżjuda.

15 Enfasi miżjuda.

16 Ara l-Artikolu 28(6) tar-Regolament OKS.

17 Ara l-punt 6 tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 1 tar-Regolament QSK.

40. Mad-daqqa ta' għajn, l-artikolazzjoni tad-dispożizzjonijiet applikabbli f'dan il-qasam, li joħorġu mir-Regolamenti QSK, OKS u FEMS, li kienu kollha applikabbli fl-1 ta' Jannar 2014, tista' turi xi kontradizzjonijiet. Madankollu, fid-dawl tal-istruttura tagħhom u tas-suċċessjoni fiż-żmien tagħhom, kwalunkwe dubju li jikkonċerna l-interpretazzjoni tagħhom jista' jitneħħa.

41. Fil-fatt, nosserva, qabel kollox, li dawn id-differenzi fir-redazzjoni jirriżultaw mill-ħolqien ta' regoli ġenerali li ġew ikkompletati *a posteriori* b'dispożizzjonijiet speċjali. Mill-formulazzjoni ċara tal-Artikolu 66(1) tar-Regolament FEMS – li, fid-dawl tal-Artikolu 28(6) tar-Regolament OKS, huwa, għaldaqstant, *lex specialis* kif ukoll *lex posterior* – jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni wera intenzjoni preċiża li joħloq regola speċifika dwar il-finanzjament tal-pjanijiet ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni, li tirregola b'mod iktar restrittiv il-marġni ta' diskrezzjoni normalment mogħti lill-Istati Membri f'każ ta' ġestjoni kondiviża ta' Fondi ESI [18].

42. Sussegwentement, l-analiżi ta' diversi verżjonijiet lingwistiċi tal-Artikolu 66(1) tar-Regolament FEMS kif ukoll il-paragun ta' din id-dispożizzjoni ma' artikoli oħra minn dan ir-regolament jikkonfermaw din il-konstatazzjoni.

43. Fil-fatt, kif irrilevat il-qorti tar-rinviju, ġustament, fil-verżjonijiet lingwistiċi bil-Ġermaniż, Ingliż, Taljan, Olandiż u Svediż tal-Artikolu 66(1) tar-Regolament FEMS, hemm previst li l-FEMS "għandu jappoġġa" t-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni. L-istess jgħidu l-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra bħal, pereżempju, dawk fil-lingwa Spanjola, Ċeka, Franċiża, Pollakka jew Portugiża. Min-naħa l-oħra, skont l-Artikolu 68(1) ta' dan ir-regolament, il-FEMS "jista' jappoġġa" l-miżuri ta' kummerċjalizzazzjoni għal prodotti tas-sajd u tal-akwakultura.

44. Din id-differenza fil-formulazzjoni ma hijiex iżolata fir-Regolament FEMS. Bħala eżempji ta' formulazzjoni imperattiva identika jistgħu jiġu ċċitati l-Artikolu 58, l-Artikolu 77(1) u l-Artikolu 89(1) tar-Regolament FEMS, filwaqt li s-sempliċi possibbiltà ta' finanzjament tinsab espressa f'numru ikbar ta' artikoli, bħalma huma, b'mod partikolari, l-Artikolu 48(3), l-Artikolu 54(1) u l-Artikolu 67(1) ta' dan ir-regolament.

45. Evidentement, dawn id-differenzi fir-redazzjoni ma humiex kumbinazzjoni, imma jirriżultaw minn għażla reali tal-leġiżlatur tal-Unjoni, fir-rigward, b'mod partikolari, tal-Artikolu 66(1) tar-Regolament FEMS.

46. F'dan ir-rigward, huwa xieraq li titfakkar l-istorja tax-xogħlijiet leġiżlattivi preparatorji ta' dan ir-regolament. Dawn jikkonfermaw l-affermazzjoni ta' rieda ċara tal-leġiżlatur tal-Unjoni li tikkonċerna lil dan l-artikolu. Għalkemm il-Kummissjoni kienet ipproponiet il-formulazzjoni, li skontha "[i]l-FEMS *jista' jappoġġja*" [19], il-Parlament Ewropew ipprefera li din tiġi sostitwita hekk: "[i]l-FEMS *għandu jappoġġja*" sabiex jiġi ggarantit li t-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni jibbenefikaw minn appoġġ tal-FEMS [20].

47. Fl-aħħar nett, nosserva li l-għażla ta' din il-formulazzjoni mil-leġiżlatur tal-Unjoni hija koerenti mas-sistema ta' finanzjament li huwa stabbilixxa fil-kuntest tal-PKS kif ukoll mal-għan imfittex minn din.

18 Ara b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) u (4) tar-Regolament QSK.

19 Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd [li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 u r-Regolament tal-Kunsill Nru XXX/2011 dwar il-politika marittima integrata] (KUMM/2011/0804 finali). Ara l-Artikolu 69(1) ta' din il-proposta.

20 Ara l-emenda 438 li tinsab fir-rapport tal-Kummissjoni PECH tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Awwissu 2013 dwar il-proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd [li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 u r-Regolament tal-Kunsill Nru XXX/2011 dwar il-politika marittima integrata]. Ara wkoll l-emenda 1893 li tinsab fl-abbozz ta' rapport tal-Kummissjoni PECH tal-Parlament Ewropew, tas-17 ta' Jannar 2013, dwar l-emendi 1655-2069, miktuba b'dan il-mod: "It-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni għandha tkun appoġġjata finanzjarjament sabiex jiġu ggarantiti regoli identiċi għall-organizzazzjonijiet kollha ta' produtturi tal-Unjoni Ewropea" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

48. F'dan ir-rigward, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-obbligu impost fuq l-organizzazzjonijiet ta' produtturi sabiex jadottaw pjanijiet ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni[21] kif ukoll li jimplimentawhom immedjatament[22]. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja fuq dan il-punt, permezz tal-paragrafu (b) tal-ewwel domanda tagħha, li tikkompleta l-paragrafu (a) tal-ewwel domanda. Fil-fatt, f'dan il-kuntest, huwa loġiku li l-organizzazzjonijiet ta' produtturi jkunu jistgħu jistrieħu fuq appoġġ finanzjarju f'dan l-istadju tal-parteċipazzjoni tagħhom fit-twettiq tal-għanijiet tal-PKS il-ġdida, li għaliha huma ġew inkoraġġuti b'effett mill-1 ta' Jannar 2014.

49. Fir-rigward tal-għan imfittex mill-appoġġ finanzjarju taħt il-FEMS, għandu jiġi enfasizzat li d-dispożizzjonijiet differenti dwar il-finanzjament tat-tħejjija tal-pjanijiet ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni kif ukoll tal-implimentazzjoni tagħhom huma ġġustifikati minħabba r-rwol ikbar mogħti lill-organizzazzjonijiet ta' produtturi[23]. Dawn huma inkarigati b'mod speċjali b'dawn il-miżuri sabiex jipparteċipaw fl-implimentazzjoni tal-PKS li "għandha tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd u l-akkwakultura jikkontribwixxu għal sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali fit-tul" u "għandha tikkontribwixxi għall-Istrateġija Ewropa 2020[24] għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv"[25].

50. L-importanza tat-tħejjija u tal-implimentazzjoni ta' dawn il-pjanijiet hija kkorroborata mill-fatt, minn naħa, li huma biss l-organizzazzjonijiet ta' produtturi li jibbenefikaw minn dan l-appoġġ partikolari f'dan ir-rigward, ħaġa li hija differenti ħafna mill-finanzjament taħt Fondi ESI oħra[26], u, min-naħa l-oħra, li l-Istati Membri jistgħu jgħaddu 50 % mill-għajnuna finanzjarja, taħt il-FEMS, hekk kif jiġu approvati dawn il-pjanijiet[27].

51. Konsegwentement, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li, billi ppreveda li l-organizzazzjonijiet ta' produtturi kellhom iħejju pjanijiet ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni qiegħed fuqhom kontribut effettiv għall-eżerċizzju ta' missjoni ta' interess ġenerali, li tiġġustifika, loġikament, l-impożizzjoni li l-Istati Membri jagħmlu tajjeb għal parti mill-infiq tagħhom.

52. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, jidhirli li, bis-saħħa tal-Artikolu 66(1) tar-Regolament FEMS, il-prinċipju tal-finanzjament inkwistjoni huwa osservat. Peress li tali dritt jingħata mil-leġiżlatur tal-Unjoni, il-leġiżlatur ta' Stat Membru ma jistax, kemm espressament jew ukoll awtomatikament, iċaħħad lill-persuni kkonċernati minn dan id-dritt. Minn dan isegwi li leġiżlazzjoni nazzjonali li tipproduċi tali effetti tkun inkompatibbli mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament FEMS.

53. Konsegwentement, b'risposta għall-punti (a) u (b) tal-ewwel domanda preliminari, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li l-Artikolu 66(1) tar-Regolament FEMS għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma tipprovdix għall-finanzjament, taħt il-FEMS, tat-tħejjija u tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni, ikkontemplati fl-Artikolu 28 tar-Regolament OKS, għall-ispejjeż imġarrba b'effett mill-1 ta' Jannar 2014.

21 Ara l-Artikolu 28(1) tar-Regolament OKS.

22 Ara l-Artikolu 28(3) tar-Regolament OKS.

23 Ara l-premessa 7 tar-Regolament OKS.

24 Fir-rigward tar-riferiment għal din l-istrateġija, ara l-Artikolu 4 tar-Regolament QSK u l-Artikolu 6 tar-Regolament FEMS.

25 Ara l-premessa 4 tar-Regolament PKS u l-Artikolu 6(1) tar-Regolament FEMS.

26 Ara l-premessa 20 u l-Artikolu 66(5) tar-Regolament FEMS.

27 Ara l-Artikolu 66(4) tar-Regolament FEMS. Ara, ukoll, il-punt 63 ta' dawn il-konklużjonijiet.

B. Fuq it-tielet domanda preliminari

54. Din id-domanda hija intiża sabiex tiddetermina jekk it-tlestija tal-eżekuzzjoni tal-pjanijiet waqt l-applikazzjoni għas-sussidju fir-rigward tat-tħejjija tagħhom u tal-implimentazzjoni tagħhom tistax tiġġustifika, minkejja l-prinċipju ta' kofinanzjament li jirriżulta mill-Artikolu 66(1) tar-Regolament FEMS, li jiġi miċħud il-benefiċċju ta' appoġġ finanzjarju billi jiġu invokati l-esklużjonijiet previsti fl-Artikolu 65(6) tar-Regolament QSK.

55. Inkun nista' nillimita r-risposta tiegħi billi nirreferi, mill-ġdid, għall-prinċipju li l-liġi speċjali tipprevali fuq il-liġi ġenerali[28]. Fil-fatt, minħabba l-kundizzjonijiet speċifiċi għall-għoti ta' sussidji skont l-Artikolu 66(1) tar-Regolament FEMS, huwa eskluż li jiġu applikati r-regoli ġenerali li jirregolaw il-finanzjamenti minn Fondi ESI oħra. Madankollu, nixtieq inżid argumenti ta' natura sistemika.

56. Fl-ewwel lok, loġikament, ma jistax jiġi impost fuq l-organizzazzjonijiet ta' produtturi, qabel kollox, li jimplimentaw il-pjanijiet tagħhom immedjatament, konformement mar-Regolament FEMS, sabiex, sussegwentement, jiġi rrifjutat lilhom kull finanzjament fuq il-bażi ta' dispożizzjoni ġenerali tar-Regolament QSK, jiġifieri l-Artikolu 65(6) ta' dan ir-regolament, li jeskludi mill-"[benefiċċju tal]-appoġġ mill-Fondi ESI [operazzjonijiet li] ikunu tlestew fiżikament jew ġew implimentati bis-sħiħ" qabel ma tkun ġiet imressqa l-applikazzjoni għall-finanzjament, f'dan il-każ, għal sena.

57. Fit-tieni lok, jistgħu jitressqu wkoll argumenti oħra bbażati fuq l-ippjanar tal-PKS appoġġjata finanzjarjament mill-FEMS, fil-kuntest ta' ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri[29].

58. Minn naħa, it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni jagħmlu parti minn programm sħiħ fuq il-perijodu 2014-2020, jiġifieri l-programm operattiv li għalih l-Istat Membru huwa responsabbli wara li jiġi approvat mill-Kummissjoni[30].

59. Din it-tifsira tal-implimentazzjoni tal-PKS tiġġustifika li l-infiq ikun eliġibbli biss wara l-approvazzjoni, mill-Istati Membri, tar-rapport annwali ta' ħidma tal-organizzazzjonijiet ta' produtturi[31].

60. Minn dan jirriżulta b'mod ċar, fil-fehma tiegħi, li hija biss l-implimentazzjoni tal-pjan, mhux biss *effettiva*, iżda wkoll *sodisfaċenti* fir-rigward tal-għanijiet imfittxija fil-kuntest tal-PKS, li tippermetti lill-organizzazzjonijiet ta' produtturi li jkunu jistgħu jippretendu appoġġ finanzjarju.

61. Għaldaqstant, b'mod konkret, infiq li jkun sar fl-2014 minn organizzazzjoni ta' produtturi jista' jiġġustifika applikazzjoni għal appoġġ finanzjarju biss fl-2015, wara approvazzjoni tar-rapport annwali ta' din l-organizzazzjoni.

62. Konsegwentement, li kieku kellha tiġi segwita l-interpretazzjoni sostnuta mill-Gvern Olandiż, din tkun twassal għal riżultat inkoerenti, jiġifieri dak li jrendi ineffettiv kull finanzjament matul il-perijodu inkwistjoni.

28 Ara l-punt 41 ta' dawn il-konklużjonijiet.

29 Ara l-premessa 63 tar-Regolament PKS kif ukoll il-premessa 12, l-Artikolu 7 u t-Titolu V tar-Regolament FEMS.

30 Ara l-premessa 24 kif ukoll l-Artikolu 6(5) u l-Artikolu 17(1) tar-Regolament FEMS. Il-kriterji għall-għażla ta' miżuri ta' finanzjament oħra huma stabbiliti taħt il-kontroll tal-Kummissjoni, konformement mal-Artikolu 113(a) ta' dan ir-regolament.

31 Ara l-Artikolu 66(2) tar-Regolament FEMS.

63. Min-naħa l-oħra, it-terminu ta' mill-inqas sena, li jiddekorri bejn id-data ta' meta jsir l-infiq u d-data li fiha tiġi eżaminata l-ġustifikazzjoni ta' dak l-infiq, wassal lil-leġiżlatur tal-Unjoni sabiex jipprovdi li l-Istat Membru jkun jista' jgħaddi ħlas ta' 50 % mill-għajnuna finanzjarja [32]. F'dan il-każ, ukoll, *a contrario*, huwa possibbli li wieħed jistaqsi xi jkunu l-effetti fuq dan il-ħlas li kieku t-tlestija tal-implimentazzjoni tal-pjan għal sena kellha ttemm kull dritt għall-finanzjament.

64. Minn dawn l-elementi kollha niddeduċi li, minħabba l-kundizzjonijiet speċifiċi għall-għoti tas-sussidji taħt il-FEMS għal pjanijiet pluriannwali, huwa esklużi li jiġu applikati r-regoli ġenerali, li jinvoka l-Gvern Olandiż, li jirregolaw il-finanzjamenti minn fondi Ewropej oħra.

65. F'dawn iċ-ċirkustanzi, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi, b'risposta għat-tielet domanda preliminari, li l-Artikolu 65(6) tar-Regolament QSK għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix l-għoti, fuq il-bażi tal-Artikolu 66(1) tar-Regolament FEMS, ta' appoġġ finanzjarju għall-infiq li jkun sar b'effett mill-1 ta' Jannar 2014, għat-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' pjan ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni fil-każ fejn l-applikazzjoni għas-sussidju tkun tressqet wara t-tħejjija tal-pjan ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni kif ukoll l-implimentazzjoni tiegħu.

66. Barra minn hekk, fid-dawl tat-tieni argument żviluppat mill-Ministru insostenn tal-konferma tad-deċiżjoni tiegħu ta' ċaħda tal-applikazzjoni għas-sussidju [33], jidhirli li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħmel preċiżazzjoni waħda sabiex tagħti risposta utli lill-qorti tar-rinviju.

67. Fil-fatt, tqum il-kwistjoni dwar jekk l-applikazzjoni għas-sussidju tistax tirrigwarda nfiq li jkun sar qabel ma l-programm operattiv żviluppat minn Stat Membru jkun ġie approvat mill-Kummissjoni [34]. Dan huwa l-każ hawnhekk peress li l-finanzjament intalab minn PO Texel għas-sena 2014, filwaqt li l-programm operattiv, ippreżentat f'Ottubru 2014 mill-awtoritajiet Olandiżi, ġie approvat mill-Kummissjoni fil-25 ta' Frar 2015.

68. Il-kombinazzjoni tal-Artikolu 65(2) tar-Regolament QSK, li ma jirreferix għad-data tal-*approvazzjoni* ta' programm operattiv, mal-Artikolu 130 tar-Regolament FEMS, li jiffissa d-data li fiha jibda japplika dan ir-regolament għall-1 ta' Jannar 2014, jidhirli li ssolvi din il-kwistjoni.

69. Barra minn hekk, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni speċjali fir-Regolament FEMS, mill-Artikolu 65(2) tar-Regolament QSK jirriżulta wkoll li l-perijodu li minnu l-infiq jista' jibda jirċievi appoġġ taħt il-FEMS jibda fl-1 ta' Jannar 2014.

70. Konsegwentement, l-ewwel dispożizzjonijiet nazzjonali, datati 25 ta' Awwissu 2016, li offrew il-possibbiltà li jintalab appoġġ finanzjarju esklużivament għat-*tħejjija* ta' pjan ta' kummerċjalizzazzjoni, u dan, biss, b'effett mid-29 ta' Awwissu 2016, ma humiex, fil-fehma tiegħi, kompatibbli mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament FEMS u lanqas mal-Artikolu 65(2) tar-Regolament QSK.

71. Fi tmiem l-analiżi tiegħi li tirrigwarda l-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni mad-dritt tal-Unjoni, nixtieq, fuq livell iktar ġenerali, nenfasizza l-istat tal-ħsieb li, fil-fehma tiegħi, għandu jirregola l-applikazzjoni ta' dan id-dritt, fid-dawl tal-partikolaritajiet tar-rwoli mogħtija lill-organizzazzjonijiet ta' produtturi meħuda inkunsiderazzjoni għall-finanzjament ta' dawn taħt il-FEMS.

32 Ara l-Artikolu 66(4) tar-Regolament FEMS.

33 Ara l-punt 24 ta' dawn il-konklużjonijiet u l-punt (a) tal-ewwel domanda *in fine*.

34 Fir-rigward tal-obbligu li jiġi elaborat tali programm, ara l-punt 58 ta' dawn il-konklużjonijiet.

72. Fil-fatt, kif diġà rrilevajt[35], jeħtieġ li jiġi kkunsidrat li d-dispożizzjonijiet rilevanti f'din il-kawża huma r-riżultat ta' teknika leġiżlattiva li hija 'l bogħod milli tkun perfetta. B'mod partikolari, wieħed ma għandux jinsa li l-leġiżlatur tal-Unjoni adotta r-Regolament FEMS b'mod tardiv. Barra minn hekk, l-Istati Membri, min-naħa tagħhom, implimentaw ukoll id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni b'ċerta tardività minħabba l-promulgazzjoni tal-leġiżlazzjoni Ewropea inkwistjoni ftit jiem qabel id-dħul fis-seħħ tagħha[36]. Barra minn hekk, mhux biss il-qafas legali Ewropew li jimplimenta l-PKS kien jimponi termini stretti ħafna, iżda wkoll ma kienx dejjem ċar biżżejjed.

73. Konsegwentement, jidhirli li dan il-kuntest għandu jwassal lill-awtoritajiet kemm nazzjonali kif ukoll Ewropej sabiex jadottaw approċċ li ma huwiex eċċessivament riġidu fir-rigward tal-interpretazzjoni u tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni. Fil-fatt, jidhirli li huwa ġġustifikat li l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet issir b'mod benevolenti u raġonevoli, ħaġa li hija kompletament konformi mal-għan imfittex mil-leġiżlatur tal-Unjoni, jiġifieri li l-organizzazzjonijiet ta' produtturi jiġu inkoraġġuti sabiex jieħdu inizjattivi fil-kuntest tal-PKS, implimentata mill-1 ta' Jannar 2014, iktar milli li jiġu skoraġġuti.

C. Fuq it-tieni domanda preliminari

74. L-eżami tat-tieni domanda preliminari jippreżumi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi, kif ipproponejt għar-raġunijiet esposti qabel, li d-dispożizzjoni nazzjonali li teskludi lill-organizzazzjonijiet ta' produtturi mid-dritt li japplikaw għal appoġġ finanzjarju taħt il-FEMS, għall-infiq li jkun sar b'effett mis-sena 2014, għandha tiġi skartata. F'tali każ għandhom jingħataw xi elementi ta' risposta għal din it-tieni domanda preliminari, li hija intiża li tistabbilixxi jekk l-Artikolu 66(1) tar-Regolament FEMS jistax jikkostitwixxi l-bażi legali għall-għoti ta' appoġġ finanzjarju fuq livell nazzjonali għal dan l-infiq.

75. Preliminarjament, għandhom jiġu ċċarati s-sens u l-portata ta' din id-domanda preliminari.

76. Fil-fatt, minn naħa, nikkonstata li l-qorti tar-rinviju użat il-kelma "rechtsgrondslag" fit-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari. Hija rreferiet ukoll b'mod espliċitu għall-Artikolu 4:23(1) tal-Liġi Ġenerali dwar id-Dritt Amministrattiv[37]. Għaldaqstant, jista' jiġi kkunsidrat li din tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja fuq il-punt dwar jekk l-Artikolu 66(1) tar-Regolament FEMS jistax jikkostitwixxi *bażi legali suffiċjenti* sabiex l-amministrazzjoni tkun obbligata tħallas sussidju, filwaqt li bażi legali korrispondenti fid-dritt nazzjonali ma teżistix u tkun meħtieġa skont l-Artikolu 4:23(1) tal-Liġi Ġenerali fuq id-Dritt Amministrattiv.

77. Min-naħa l-oħra, it-talba tal-qorti nazzjonali sabiex tingħata interpretazzjoni tista' tinftiehem ukoll, minn aspett iktar wiesa', bħala li tirrigwarda l-effett dirett tal-Artikolu 66(1) tar-Regolament FEMS, fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

78. Ir-risposta għad-domanda tal-qorti tar-rinviju, fl-ewwel sens li ġie kkontemplat, ma toħloqx diffikultà partikolari, mill-inqas fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja[38]. Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE, ir-regolament "[i]kun jorbot fl-intier tiegħu u jkun *direttament applikabbli* fl-Istati Membri kollha"[39]. Barra minn hekk, minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti

35 Ara l-punt 31 ta' dawn il-konklużjonijiet.

36 Fost l-erba' regolamenti applikabbli, f'dan il-każ, iddatati, għal tnejn minnhom, il-11 ta' Diċembru 2013 u, għat-tnejn l-oħra, is-17 ta' Diċembru 2013, ir-Regolament QSK ġie ppubblikat fl-20 ta' Diċembru 2013, filwaqt li t-tlieta l-oħra, ir-Regolamenti PSK u OKS kif ukoll ir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 1418/2013, ġew ippubblikati fit-28 ta' Diċembru 2013.

37 Ara l-punt 10 ta' dawn il-konklużjonijiet.

38 Fuq il-kumplessità li r-risposta tista' tippreżenta fuq livell nazzjonali, ara pereżempju Verhoeven, M., *The Costanzo Obligation, The Obligations of National Administrative Authorities in the Case of Incompatibility between National Law and European Law*, Intersentia, Utrecht, 2011, speċjalment pp. 123 sa 164 u pp. 217 sa 247.

39 Enfasi miżjuda.

tal-Ġustizzja jirriżulta li l-obbligu li jiġu applikati, anki jekk *ex officio*, id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, sakemm dawn jissodisfaw il-kundizzjonijiet sabiex jipproduċu effett dirett[40], fin-nuqqas tal-eżistenza ta' dispożizzjonijiet nazzjonali kuntrarji, ma jorbotx biss lill-qrati nazzjonali iżda wkoll lill-organi kollha tal-Istat, inklużi l-awtoritajiet amministrattivi[41].

79. Fir-rigward tal-effett dirett tal-Artikolu 66(1) tar-Regolament FEMS, li jista' jkun is-suġġett tat-tieni domanda preliminari minn aspett iktar wiesa', ftit li xejn jista' jiġi kkontestat li dan għandu bħala għan li jagħti dritt lill-organizzazzjonijiet ta' produtturi għal appoġġ finanzjarju. F'dan ir-rigward, nikkonstata li d-dikjarazzjoni, fl-Artikolu 66(1) ta' dan ir-regolament, tal-eżistenza ta' tali dritt, li jista' jiġi eżerċitat minn dawn l-organizzazzjonijiet, ma huwiex biss ċar u preċiż, iżda wkoll inkundizzjonat, fis-sens li l-għoti tal-finanzjament ma huwiex suġġett għad-diskrezzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali jew Ewropej. Għaldaqstant, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja[42], huwa jissodisfa l-kundizzjonijiet sabiex ikollu effett dirett.

80. Għaldaqstant, ma nikkondividix il-fehma tal-Kummissjoni li fuq il-bażi tal-Artikolu 4(4) tar-Regolament QSK l-applikazzjoni għall-appoġġ finanzjarju tista' tiġi miċħuda għas-sempliċi raġuni tal-assenza ta' dispożizzjoni nazzjonali li torganizza l-eżerċizzju ta' dan id-dritt jew li tiġġustifika l-infiq. Fil-fatt huwa eskluż li r-rikonoxximent ta' dritt mogħti lill-individwi mid-dritt tal-Unjoni jkun jista' jiġi ostakolat bit-terminu li fih Stat Membru joħloq il-proċedura sabiex irendi dan id-dritt effettiv[43].

81. Għaldaqstant huwa ċar li l-Artikolu 66(1) tar-Regolament FEMS jiggarantixxi lill-organizzazzjonijiet ta' produtturi l-għoti ta' sussidju intiż li jgħin it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni inkwistjoni. F'dan is-sens, din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi bażi legali suffiċjenti għall-awtoritajiet Olandiżi sabiex jagħtu tali sussidju jew, ukoll, dispożizzjoni li l-organizzazzjonijiet ta' produtturi jistgħu jinvokaw direttament quddiem l-awtoritajiet amministrattivi u l-qorti nazzjonali.

82. Madankollu, din il-konklużjoni intermedja tqajjem il-punt importanti li ġej: jekk wieħed iqis li huwa paċifiku li l-Artikolu 66(1) tar-Regolament FEMS jikkostitwixxi l-bażi legali ta' dritt għal miżuri finanzjarji ta' appoġġ li l-organizzazzjonijiet ta' produtturi jistgħu jinvokaw quddiem l-awtoritajiet Olandiżi, jifdal li jiġi stabbilit ir-riżultat konkret tal-eżerċizzju ta' dan id-dritt fis-sitwazzjoni inkwistjoni. Fi kliem ieħor, b'mod prożajku, tqum id-domanda li ġejja: l-organizzazzjonijiet ta' produtturi x'jistgħu eżattament jippretendu? Jew ukoll, b'mod iktar ċar, x'somma jew x'perċentwali mill-infiq għandu jammonta l-finanzjament li huwa dovut lilhom?

83. Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, għandu jiġi evalwat sa fejn huwa permess mill-Artikolu 66(1) tar-Regolament FEMS li jiġi stabbilit l-ammont tas-sussidju li għandu jingħata, lil hinn mill-konstatazzjoni li diġà saret li l-organizzazzjonijiet ta' produtturi għandhom dritt li jirċievu sussidju.

40 Għal tfakkira reċenti tal-prinċipji li jirrigwardaw l-applikabbiltà diretta tar-regolamenti, ara s-sentenza tat-30 ta' Marzu 2017, Lingurár (C-315/16, EU:C:2017:244, punti 17 sa 19 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

41 Għall-asserzjoni ta' dan il-prinċipju, ara s-sentenzi tat-22 ta' Ġunju 1989, Costanzo (103/88, EU:C:1989:256, punti 30 u 31), u tad-9 ta' Settembru 2003, CIF (C-198/01, EU:C:2003:430, punt 49), kif ukoll, fir-rigward tal-applikazzjoni ta' regolamenti, is-sentenzi tal-14 ta' Ġunju 2012, Association nationale d'assistance aux frontières pour les étrangers (C-606/10, EU:C:2012:348, punt 75), u tal-5 ta' Marzu 2019, Eesti Pagar (C-349/17, EU:C:2019:172, punti 90 u 91).

42 Għal diskussjoni ddettaljata dwar din il-ġurisprudenza, ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Klohn (C-167/17, EU:C:2018:387, punti 33 sa 55).

43 Qabbel mas-sentenzi tas-17 ta' Mejju 1972, Leonesio (93/71, EU:C:1972:39, l-ewwel paragrafu tal-punt 19, punt 20 u t-tieni paragrafu tal-punt 21), u tat-8 ta' Frar 1973, Il-Kummissjoni vs L-Italja (30/72, EU:C:1973:16, it-tielet paragrafu tal-punt 6 u l-ewwel paragrafu tal-punt 7).

84. Minnu nnifsu, l-Artikolu 66(1) ta' dan ir-regolament ma jippermettix li jiġi deċiż l-ammont tas-sussidju li għandu jingħata. Fil-fatt, mill-formulazzjoni tiegħu, jirriżulta li din id-dispożizzjoni hija limitata sabiex tiddikjara prinċipju ta' finanzjament f'termini ġenerali ħafna. Konsegwentement, l-Artikolu 66(1) tal-imsemmi regolament għandu jinqara ma' dispożizzjonijiet oħra tal-istess regolament.

85. Għalhekk, minn naħa, l-Artikolu 66(2) tar-Regolament FEMS jipprovdi li l-eliġibbiltà tal-infiq hija suġġetta għall-approvazzjoni tar-rapport annwali ta' ħidma tal-organizzazzjoni ta' produtturi mill-awtorità nazzjonali kompetenti sabiex teżamina l-applikazzjoni ta' sussidju. Min-naħa l-oħra, ċerti modalitajiet konkreti huma ddikjarati fl-Artikolu 66(3) ta' dan ir-regolament. Għalkemm din id-dispożizzjoni tiffissa limitu għall-ammont tas-sussidju mogħti, ma hijiex prevista bażi minima ta' sussidju.

86. Konsegwentement, qari b'mod magħqud tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni jista' jwassal biss sabiex tiġi rrikonoxxuta, f'dan il-qasam, marġni ta' diskrezzjoni lill-awtoritajiet amministrattivi. Madankollu, dan il-marġni ma huwiex nieqes minn kull limitu. Kif diġà enfasizzajt fil-punti preċedenti ta' dawn il-konklużjonijiet, l-Artikolu 66(1) tar-Regolament FEMS fih garanzija minima, jew "għadma iebsa" li għandha, fi kwalunkwe każ, tiġi implimentata mill-Istati Membri [44]: l-organizzazzjonijiet ta' produtturi ma jistgħux ma jirċivux appoġġ għat-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni.

87. Konsegwentement, dan l-appoġġ finanzjarju dovut lill-organizzazzjonijiet ta' produtturi għandu, minn naħa, ikun *proporzjonat*, fid-dawl tan-natura u l-importanza tal-obbligi mqiegħda fuq l-organizzazzjonijiet ta' produtturi fil-kuntest tal-PKS. Fi kliem ieħor, l-għajnuna ma tistax tkun ta' ammont tant limitat li jċaħħad l-effett ta' inċentiv li din l-għajnuna suppost li jkollha fuq l-attivitajiet ta' dawn l-organizzazzjonijiet. Min-naħa l-oħra, għar-raġunijiet ta' koerenza u ta' ugwaljanza fit-trattament, u sabiex jiġu evitati d-distorsjonijiet fis-swieq ikkonċernati, l-ammont tal-għajnuna ma jistax ma jkollu *ebda relazzjoni* mal-ammont tal-għajnuna li ġiet sussegwentement stabbilita mill-awtoritajiet għall-kumplament tal-perijodu 2014-2020.

88. Dan premess, jiena tal-fehma li ma huwiex l-obbligu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tmur lil hinn mill-kuntest ta' din il-kawża u għaldaqstant, effettivament, iċċaħħad lill-awtoritajiet nazzjonali mill-marġni ta' diskrezzjoni mogħti lilhom mir-Regolament FEMS, fil-limiti previsti minnu.

89. Madankollu, l-applikazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali tal-prinċipji misluta mir-Regolament FEMS ma hijiex eżentata minn kull stħarriġ. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-fatt li r-regoli tad-dritt tal-Unjoni jħallu marġni ta' diskrezzjoni lill-Istati Membri ma jeskludix li jkun jista' jiġi mistħarreġ, fir-rigward ta' dawn ir-regoli, jekk dawn l-Istati qabżux il-marġni ta' diskrezzjoni tagħhom [45].

90. Barra minn hekk, huwa ċar ukoll li l-ksur tad-dispożizzjonijiet previsti f'dan ir-regolament jista' jagħti lok, meta l-kundizzjonijiet stabbiliti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jiġu ssodisfatti, għal azzjoni għal responsabbiltà mhux kuntrattwali kontra l-Istat Membru kkonċernat [46].

91. Minn dawn l-elementi kollha jirriżulta li tista' tingħata risposta għat-tieni domanda preliminari fis-sens li l-Artikolu 66(1) tar-Regolament FEMS jagħti lill-organizzazzjonijiet ta' produtturi d-dritt li jeżiġu appoġġ finanzjarju taħt il-FEMS għall-infiq bil-ħsieb tat-tħejjija ta' pjan ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni b'effett mill-1 ta' Jannar 2014. Għaldaqstant huwa l-Istat Membru kkonċernat li

44 Ara, b'analoġija mal-portata tal-effett dirett tad-direttivi, pereżempju, is-sentenzi tal-14 ta' Lulju 1994, Faccini Dori (C-91/92, EU:C:1994:292, punt 17); tal-1 ta' Lulju 2010, Gassmayr (C-194/08, EU:C:2010:386 punt 51); u tal-24 ta' Jannar 2012, Dominguez (C-282/10, EU:C:2012:33, punt 35).

45 Ara s-sentenza tal-24 ta' Ottubru 1996, Kraaijeveld *et* (C-72/95, EU:C:1996:404, punt 59). Ara, ukoll, is-sentenza tas-26 ta' Mejju 2011, Stichting Natuur en Milieu *et* (C-165/09 sa C-167/09, EU:C:2011:348, punt 103).

46 Ara s-sentenzi tad-19 ta' Novembru 1991, Francovich *et* (C-6/90 u C-9/90, EU:C:1991:428), u tal-5 ta' Marzu 1996, Brasserie du pêcheur u Factortame (C-46/93 u C-48/93, EU:C:1996:79).9

għandu l-obbligu li jivverifika li tkun ġiet osservata l-kundizzjoni għall-għoti tas-sussidju mitlub, prevista fl-Artikolu 66(2) ta' dan ir-regolament, u li jiġi ddeterminat l-ammont tal-kofinanzjament fil-kuntest tal-marġni ta' diskrezzjoni li għandu dan l-Istat, konformement mal-Artikolu 66(3) tal-imsemmi regolament.

V. Konklużjoni

92. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi preliminari magħmula mill-College van Beroep voor het bedrijfsleven (il-Qorti tal-Appell għall-Kwistjonijiet Amministrattivi fil-Qasam Ekonomiku, il-Pajjiżi l-Baxxi):

1) L-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 (UE) u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma tipprovdix għall-finanzjament, taħt il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS), tat-tħejjija u tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni, ikkontemplati fl-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000, b'effett mill-1 ta' Jannar 2014.

2) L-Artikolu 66(1) tar-Regolament Nru 508/2014 jagħti lill-organizzazzjonijiet ta' produtturi ta' prodotti tas-sajd u lill-organizzazzjonijiet ta' produtturi ta' prodotti tal-akwakultura d-dritt li jeżiġu appoġġ finanzjarju taħt il-FEMS għall-infiq li jsir bil-għan tat-tħejjija ta' pjan ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni b'effett mill-1 ta' Jannar 2014. Huwa l-Istat Membru kkonċernat li għandu l-obbligu li jivverifika li tkun ġiet osservata l-kundizzjoni għall-għoti tas-sussidju mitlub, prevista fl-Artikolu 66(2) ta' dan ir-regolament, u li jiġi ddeterminat l-ammont tal-kofinanzjament fil-kuntest tal-marġni ta' diskrezzjoni li għandu dan l-Istat, konformement mal-Artikolu 66(3) tal-imsemmi regolament.

3) L-Artikolu 65(6) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix l-għoti, fuq il-bażi tal-Artikolu 66(1) tar-Regolament Nru 508/2014, ta' appoġġ finanzjarju għall-infiq li jsir, b'effett mill-1 ta' Jannar 2014, għat-tħejjija u għall-implimentazzjoni ta' pjan ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni fil-każ li l-applikazzjoni għall-għoti ta' appoġġ tkun tressqet wara li l-pjan ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni jkun tħejja u ġie implimentat.